MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru. 592/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jessica Grima)**

**Vs**

**Carmel Calleja ta' 66 sena mwieled 07/08/1945 Zabbar bin Anthony u Verginia nee Tabone u residenti f'no 1 Ta' Pinu Flats, no 5, Triq ta' Skerla Sannat Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 673045M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, fit-18 ta' Lulju 2010 fil-Mellieha f'xi hin bejn nofs il-lel u l-erba ta' filghodu b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-

gisem ta' Anne Gerada skond ma certifikata Dr. Bettina Gauci MD Reg No5230 tal-Isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq karozza b'mod traskurat, perikoluz jew negligent.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Illi mill-provi li hemm fl-atti t-tieni akkuza ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u kwindi l-imputat ser jigi liberat mill-istess.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ghall-ewwel akkuza izda fuq kollox ix-xhieda tal-parte leza minn fejn jirrizulta ili hija hafritilu ghall-incidenet u tiddependi ghal kollox fl-ghexjien taghha mill-ghajnuna li jtiha l-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoliu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-akkuzat mill-tieni akkuza u ssibu hati tal-ewwel u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------